



Kumitat għall-Baġits

2017/2039(INI)

24.11.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ fl-Istati Membri
(2017/2039(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Andrey Novakov

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi 16-il miljun NEET (barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ) daħlu fi skemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ (YEI) ipprovdiet appoġġ dirett lil aktar minn 1,6 miljun żaġhżuġh fl-UE; jinnota li għadd għoli wisq li mhuwiex aċċettabbli ta' żgħażaġh (16,6 % fl-UE 28 u 18,7 % fiż-żona tal-euro) għadhom qiegħda;
 - B. billi l-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-UE naqas minn 23,7 % fl-2014 għal naqas minn 17 % fit-tieni kwart tal-2017, b'aktar minn 1,8 miljun żgħażaġh qiegħda naqas u b'aktar minn 1 miljun NEET naqas;
 - C. billi l-YEI wasslet lill-Istati Membri biex jadottaw aktar minn 132 miżura tas-suq tax-xogħol immirati lejn iż-żgħażaġh;
 - D. billi ġie impenjat 75 % tat-total tal-baġit tal-YEI u l-Istati Membri diġà investew 19 % ta' dan il-baġit, ir-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-YEI hija l-ogħla fost il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE);
 - E. billi bosta rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-YEI juru li minkejja t-tħassib dwar l-adeqwatezza tal-finanzjament u tal-estimi tal-investiment totali meħtieġ, ir-riżorsi disponibbli huma ffokati b'suċċess fuq it-talba reġjonali billi saret enfasi fuq reġjuni speċifiċi u fuq gruppi ta' benefiċjarji;
1. Jirrikonoxxi li l-investimenti mill-baġit tal-UE permezz tal-YEI kellhom impatt, u għaġġlu l-espansjoni tas-suq tax-xogħol għaż-żgħażaġh; iqis li l-YEI tirrappreżenta valur miżjud ċar għall-UE, peress li bosta skemi ta' impjieg taż-żgħażaġh ma setgħux jiġu implimentati mingħajr l-impenn tal-UE;
 2. Jinnota li l-allokazzjoni finanzjarja oriġinali għall-YEI fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014-2020 kienet ta' EUR 6,4 biljun, li EUR 3,2 biljun minnhom oriġinaw minn linja baġitarja ddedikata, u ġew korrisposti b'ammont indaqs mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE); ifakkar li minħabba l-urġenza biex jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażaġh, kien deċiż li l-ammont totali jiġi fornut minn qabel għas-snin 2014-2015;
 3. Jissottolinja li, fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP, ġiet approvata politikament allokazzjoni addizzjonali ta' EUR 1,2 biljun għall-YEI għall-perjodu 2017-2020, li għandha tiġi korrisposta b'ammont indaqs mill-FSE; jenfasizza, madankollu, li l-allokazzjoni finali għal dan il-programm se tiġi determinata matul il-proċeduri baġitarji annwali ġejjiena;
 4. Jilqa' l-fatt li, wara t-talba qawwija tal-Parlament Ewropew, ir-riżultat tal-konċiljazzjoni dwar il-baġit tal-UE għall-2018 kien li tiżdied l-allokazzjoni speċifika proposta oriġinarjament għall-YEI b'EUR 116,7 miljun ta' approprjazzjonijiet ġodda, u b'hekk l-ammont totali jiżdied għal EUR 350 miljun fl-2018; jinnota impenn unilaterali mill-

Kummissjoni li tipproponi żieda addizzjonali ta' finanzjament għall-YEI permezz ta' baġit emendatorju f'każ li l-kapaċità ta' assorbiment tal-YEI tippermetti żieda;

5. Iqis li l-baġit ġenerali għall-YEI ma jissodisfax id-domanda reali u r-riżorsi meħtieġa biex jiżguraw li l-programm jilħaq il-miri tiegħu; ifakkar li bħala medja, 42 % tan-NEETs biss ġew milħuqa u din iċ-ċifra taqa' għal anqas minn 20 % f'numru ta' Stati Membri; jitlob, għalhekk, għal żieda sinifikanti fl-allokazzjoni għall-YEI skont il-QFP li jmiss u li l-Istati Membri jagħmlu dispożizzjoni għal skemi għall-impjiegi taż-żgħażaġh fil-baġits nazzjonali tagħhom; iqis il-YEI bħala miżura komplementari għall-iskemi nazzjonali u jemmen li dan għandu jiġi kkomplementat b'miżuri li jappoġġaw it-tkabbir u l-attivitajiet speċifiċi fl-Istati Membri;
6. Iqis li sabiex jiġi żvilupp Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettiv bħala mezz biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh, il-Fondi Strutturali jistgħu jintużaw b'mod aktar immirat għall-finanzjament taċ-ċentri tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (VET) kif ukoll biex tittieħed kull azzjoni rilevanti b'appoġġ għall-apprendistati; iqis li, skont il-livell ta' żvilupp reġjonali, dan l-appoġġ għandu jkun rifless aħjar fil-prijoritajiet ta' investiment tal-FSE (għall-kumpens tal-ħidma ta' apprendist u għall-kopertura tas-sigurtà soċjali) kif ukoll tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali fir-rigward tal-forniment ta' infrastruttura u tagħmir għaċ-ċentri VET;
7. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm konsistenza fl-investimenti fir-rigward tal-impjiegi taż-żgħażaġh billi tħeġġeġ sinerġiji bejn is-sorsi disponibbli u toħloq regoli omoġenji ppreżentati fi gwida olistika, bil-għan li jiġu żgurati impatt akbar, sinerġiji aħjar, aktar effikaċja u simplifikazzjoni fuq il-post; ifakkar fil-prijorità li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet ta' ġestjoni; jiġbed l-attenzjoni lejn l-importanza ta' rapporti speċifiċi għall-pajjiż dwar il-finanzjament ta' skemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ li jimmonitorjaw ukoll is-sinerġiji bejn il-baġits nazzjonali u l-baġit tal-UE, kif ukoll il-ħtieġa għal koordinazzjoni aħjar u kooperazzjoni aktar mill-qrib fost il-partijiet interessati ewlenin fil-proċess;
8. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-ippjanar tal-investimenti fir-rigward tal-impjiegi taż-żgħażaġh wara l-2020 billi tapplika bis-siħ l-approċċ użat fl-ipprogrammar tal-Fondi SIE, fejn il-finanzjament huwa suġġett għal ippjanar preliminari komprensiv u għal evalwazzjoni *ex-ante* segwita minn ftehimiet ta' sħubija; iqis li dan l-approċċ iżid l-impatt tal-baġit tal-UE; jinnota l-implimentazzjoni b'suċċess tal-YEI fl-Istati Membri permezz ta' programmi operattivi ddedikati u b'kontribuzzjonijiet sinifikanti mill-baġits nazzjonali u reġjonali;
9. Iqis li l-finanzjament għall-impjieg taż-żgħażaġh għandu jitwassal billi jinżamm bilanċ ġust bejn l-istrumenti finanzjarji u l-kontribuzzjonijiet mhux rifondibbli;
10. Jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni tfassal mill-ġdid il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni attwali billi tiffoka fuq il-kriterji unifikati tar-riżultat u l-awditjar tal-prestazzjoni fil-proċess tar-rappurtar annwali u finali sabiex jiġi mmonitorjat l-impatt tal-baġit tal-UE f'perspettiva ameljorattiva; jappella għal applikazzjoni ta' indikaturi mifruxa mal-UE kollha, bħas-sehem ta' parteċipanti fil-YEI li jidħlu fis-suq tax-xogħol primarju bħala riżultat ta' interventi ffinanzjati mill-UE;

11. Jisħaq madankollu, li r-riforma fl-ippjanar u r-rappurtar ma għandhiex tittardja l-implimentazzjoni tal-baġit u ma għandhiex tiġġenera piż amministrattiv eċċessiv għall-awtoritajiet ta' ġestjoni u speċjalment għall-benefiċjarji aħħarija;
12. Jirrikonoxxi li l-piż amministrattiv eżistenti jxekkel il-kapaċità ta' investiment tal-baġit tal-UE, speċjalment fil-każ ta' strumenti b'perjodi ta' implimentazzjoni aktar qosra bħall-YEI; jappella, għalhekk, għal proċeduri ta' sejħiet għall-offerti aktar allinjati b'enfasi fuq it-tħejjija mħaffa tal-offerti u appelli aktar qosra għall-proċeduri ta' deċiżjoni; jinnota l-effett pożittiv iġġenerat mill-użu ta' għażliet tal-ispejjeż issimplifikati (SCOs) fin-nefqa tal-YEI; jappella għall-introduzzjoni tal-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati fil-proġetti tal-YEI mifruxa madwar l-UE kollha sabiex titnaqqas b'mod sinifikanti l-burokrazija żejda u titħaffef l-implimentazzjoni baġitarja.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	22.11.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 29 -: 5 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Nedzhmi Ali, Richard Ashworth, Reimer Böge, Lefteris Christoforou, Gérard Deprez, Manuel dos Santos, José Manuel Fernandes, Jens Geier, Esteban González Pons, Ingeborg Gräßle, Iris Hoffmann, Monika Hohlmeier, John Howarth, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Siegfried Mureşan, Liadh Ní Riada, Jan Olbrycht, Urmas Paet, Răzvan Popa, Paul Rübig, Jordi Solé, Patricija Šulin, Eleftherios Synadinos, Indrek Tarand, Inese Vaidere, Daniele Viotti, Tiemo Wölken, Marco Zanni
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Paul Denanot, Andrey Novakov
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jonathan Bullock, Javi López

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

29	+
ALDE	Gérard Deprez, Nedzhmi Ali, Urmaz Paet
ECR	Zbigniew Kuźmiuk
GUE/NGL	Liadh Ní Riada
PPE	Andrey Novakov, Esteban González Pons, Inese Vaidere, Ingeborg Gräßle, Jan Olbrycht, José Manuel Fernandes, Lefteris Christoforou, Monika Hohlmeier, Patricija Šulin, Paul Rübig, Reimer Böge, Siegfried Mureşan
S&D	Daniele Viotti, Iris Hoffmann, Javi López, Jean-Paul Denanot, Jens Geier, John Howarth, Manuel dos Santos, Răzvan Popa, Tiemo Wölken, Vladimír Maňka
VERTS/ALE	Indrek Tarand, Jordi Solé

5	-
ECR	Bernd Kölmel, Richard Ashworth
EFDD	Jonathan Bullock
ENF	Marco Zanni
NI	Eleftherios Synadinos

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni